# Il-Leġġenda tal-Mensija

Tony C. Cutajar

Niftakar, bħala tifel,
Flimkien ma' tal-Mużew
Noħorġu passiġġata
U nieħdu pjaċir sew.

La kellna television,
U la logħob tal-ballun,
Xorta konna nifirħu
U ngawdu bir-raġun.

Il-jum tal-Ħadd fil-għodu
Ikollna ftit tagħlim
Fuq dmirna bħala nsara,
Bi ftit li xejn tgemgim.

Immorru d-dar biex nieklu
U wara nofs in-nhar
Nitilqu passiġġata
Flimkien ma' tnejn mill-kbar.

Nibdew nimxu mill-Gzira
U ngħaddu mit-triqat
Li jagħtu għall-Imsieraħ
Li ftit kien żviluppat.

Għelieqi kull fejn tħares
U bini ftit li xejn;
Ingawdu il-kampanja
Nimxu konna tnejn tnejn:

Issa l-Imsieraħ spiċċa
Sar waħda mill-ibliet,
Sa anke biddel ismu
U xejn ma baqa' kwiet.

San Ġwann sar jismu issa
U tfarfar mhux ħażin;
Kuljum jikber u joktor,
M'għadux fost iċ-ċkejknin.

Minn qalb l-għelieqi mħaddra,
Minn ħdejn il-wied u l-blat
Naslu ħdejn il-kappella
Li storja ħelwa rat.

Kien post xi ftit imwarrab
Magħruf bħala l-Mensija,
Il-bdiewa hemm jiitaqgħu
Bil-mogħoż kull filgħaxija.

Illum la tara mogħża
U la bdiewa beżlin:
Biss ħafna u ħafna vilel
Li nbnew matul is-snin.

Iżda l-kappella baqgħet
Iżżomm fiha l-istorja
Li tgħaġġeb bi sbuħija
Lill-fqar u lill-għonja.

Għax aħna hemm bilqiegħda
Biex nisimgħu aħjar
Fit-taraġ jinżel 'l isfel
U li jwassal għall-għar.

Konna nifthu kull widna
Wara l-grada tal-ħadid
Għal-leġġenda tal-Madonna
- Fiha tara t'Alla l-id.

Leġġenda wisq sabiħa
Dwar bidu tal-Mensija
Li ġrat fiż-żmien ta' wara
L-elf sena u ħames mija.

Indrì kien jismu l-bidwi
Li xtara biċċa art
Fejn fuqha kellu dwejra
U jaħdem kien bil-ħart.

Biex jidħoi ġewwa d-dwejra
Kien jinżel ftit tarġiet
Għax kienet fil-fond sewwa
U tħares lejn il-wied.

Mal-ħajt sew sew tad-dwejra
Kien hemm dan l-għar mirdum
Li ħadd ma kien jaf dwaru
Għajr Indrì f'dak il-jum.

Żmien twil kien ilu moħbi
Taħt il-blat u tħarbit
Sakemm il-Providenza
Nebbħet lil dan is-sid.

Għal kollox l-għar kien minsi
B'hekk l-isem tal-Mensija
Biex b'hekk issir magħrufa:
Il-qima lejn Marija.

Filwaqt l'Indrì kien nieżel
Tad-dwejra t-tarġiet
Biex jidħol ġewwa daru
Malajr sab is-sigriet.

Minn xaqq fil-ħajt hu lemaħ
B'għaġeb qalbu mimlija
Dawl qawwi jixgħel waħdu
Fid-dlam ta' filgħaxija.

Imbellah daħal jiġri
Kemm jiflaħ ġewwa d-dwejra
Lil martu u 'l uliedu
Biex igħid dil-ħaġa serja.

Dawn ħarġu jiġru f'daqqa
Biex jaraw dan id-dawl
Minn xaqq fil-ħajt ta' ħdejhom
Kif seta kien mixgħul.

Indrì malajr ġieħ f'moħħu ,
Il-ħsieb li jsir jaf sewwa
X'kien qatt dak id-dawl jixgħel
Billi jħaffer 'il ġewwa.

Il-blat kien tassew iebes
U ħaffer, stinka u bata
Sa ma sfrundat f'salt wieħed
Parti l-kbira tal-blata.

Kbir kien fl-għaġeb tiegħu
U wiċċu kollu bjad
X'ħin quddiem għajnejħ lemaħ
Imħaffra sew fil-blat,

Nicċa b'inkwatru fiha
Eżatt bħal m'hi illum;
Inkwatru stil tal-Griegi
Li Indrì sab mirdum.

Tal-injam,antik sewwa
Magħmul fi tliet biċċiet
Bħal ktieb dan kien jingħalaq
U mimli tifkiriet.

Għax dan kien xogħol il-Gregi
Li jgħixu f'din l-art tagħna;
Biex juru l-qima tagħhom
Kienu tassew ħerqana.

Fin-nofs ta' dan l-inkwatru
Naraw lil San Anard
Meqjum mill-istess Griegi
U l-bdiewa ta' din l-art.

Iżomm f'idu l-manetti
Għax hu patrun ta' lsiera;
Lejh Malta kellha qima
Fiż-żminijiet imwiegħra.

Spiss il-pirati kienu
Lil xtutna jattakkaw
U l-povri Maltin ħutna
Ilsiera jispiċċaw.

Ix-xbieha tal-arkanġlu
Gabriel fuq il-lemin
Iħabbar lil Marija
It-twelid tal-Bambin.

Fuq ix-xellug tal-kwadru
Impittra l-Madonna
Tilqa' l-aħbar tal-Anġlu
U għalhekk issir Ommna.

Iżda l-ikbar sorpriża
Għal Indrì u għalina
Kien dak id-dawl jixgħel
Quddiem tagħna r-Reġina.

Imdendel sew quddiemha
Ra musbieħ tal-ħadid
Jixgħel bi tliet miċeċ
Taħt il-blat u t-tħarbit.

Kollu mistagħġeb Indrì
Mar jiġri Birkirkara
U l-Kappillan ifittex
Ħalli b'għajnejh stess jara.

Il-Kappillan tar-raħal
Malajr ma' Indrì mar
U x'ħin lemaħ l-inkwatru
Imqiegħed hemm ġo l-għar,

Talab lill-bidwi tagħna
Itellgħu minn hemm isfel
Biex jieħu miegħu f'daru
Għax ħass rasu qed tiżfen.

Ried illi din ix-xbieha
Minsija u qadima
Tittieħed f'Birkirkara
Biex ttnżamm b'għożża w qima.

Il-ħsieb ta' moħħu falla
Għax mingħajr ħadd ma missha
Fil-għar reġgħet instabet,
Għalxejn lil Indrì wissa.

Kbir kien il-għaġeb tiegħu,
Ta Indrì u ta' kulħadd
Għax xejn ma kien hemm provi
Kif kien sar dan il-fatt.

Il-Kappillan reġa' ordna
Li jeħduhielu d-dar,
Iżda għat-tieni darba
Reġgħet waħedha fl-għar.

Il-Kappfllan imħasseb
Għand l-Isqof hu dritt mar
Biex itarraflu kollox
Li kien ġara dak in-nhar.

L-Isqof ordna li għandu
Jeħdulu din ix-xbieha;
Biss ġara l-istess ħaġa:
Lkoll baqgħu imbikkija.

Kulħadd allura nduna
Li dak kollu li kien sar
Kien għax Marija għażlet
Li tibqa' f'dak il-għar.

Għalhekk mill-ewwel l-Isqof
Il-post hu mar iżur
U ried li triq tinfetaħ
Fejn qabel kien mistur.

Ordna li n-niċċa jqiegħdu
Ġo kanċell tal-ħadid
U l-għar iħammlu tajjeb
Mill- ġebel u t-tħarbit.

Jibnu artal tal-ġebel
Biex fuqu jsir quddies
U x-xbiegħa tal-Madonna
Jiġu jqimuha n-nies.

Din l-aħbar malajr xterdet
Dwar is-Santwarju ġdid
U qtajja nies bdew jiġu
U magħhom xi marid.

Ilkoll jitolbu grazzji
Filwaqt li jagħtu qima
Lil Omm Alla Marija
Taħt ix-xbieha qadima.

Id-devozzjoni kibret
U saru wegħdiet qabda,
Il-pellegrini żdiedu
Ilkoll kienu qalb waħda.

Biż-żmien dan is-Santwaiju
Kiber bil-mod u sbieħ
Anke mirakli saru
U l-qlub sabu l-mistrieħ.

Ejjew aħna wkoll nersqu
Umli u b'qalb mimlija
Kull ħajr u ġieħ inroddu
'L Madonna tal-Mensija.

Lil Ġesù ngħidu grazzi
Għall-kwadru tal-Lunzjata
U jalla mmorru l-Ġenna
Magħhom fl-aħħar ġumata.

Tony C. Cutajar